# PAĠNA VOJTA



DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET
IL-MALL, TRIQ SARRIA, IL-FURJANA MALTA

# EŻAMI GĦALL-INGAĠĠ TA' SULDATI FIL-FORZI ARMATI TA' MALTA

**DATA: 18 ta' Frar 2020**

**Ħin: 09:00 – 10:00 (Siegħa)**

**Struzzjonijiet lill-kandidati**

- **Dan l-eżami jikkonsisti minn TLIET taqsimiet: A, B u Ċ. Aqra sew kull silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA f'kull taqsima (hemm 50 mistoqsija b'kollox).**
- **Kull mistoqsija għandha erba' tweġibiet possibbli, imma WAĦDA biss hija korretta.**
- **Niżżel it-tweġibiet fuq l-*Answer Sheet* ipprovduta. Immarka BISS it-tweġiba t-tajba billi tuża l-lapes.**
  **eż. jekk tagħżel it-tweġiba C, imla ċ-ċirku t-tajjeb kif jidher hawn taħt.**

| | |
|---|---|
| 50. | Ⓐ Ⓑ ● Ⓓ |

- **Kull mistoqsija fiha żewġ (2) marki.**

**TAQSIMA A: Aqra s-silta sew u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 1 sa 15) li jsegwu:**

Anqas laħaq wasal li ma sabux ma' wiċċu.

Kif stenna, sab raġel anzjan; żgur mhux forsi qabeż is-sebgħin sena.

Kellu leħja li kienet ilha ma tara x-xafra xi ftit tal-ġimgħat mhux ħażin. Ħwejġu, jekk tista' ssejħilhom ħwejjeġ, kienu biċċa qmis li l-għonq kien jixhed li rat snin twal ta' xedd mingħajr ma nħaslet, qalziet li darba kien intlibes snin ilu u bħal qatt ma tneħħa biex jindaf, u żarbun li tefa fil-kulur u li l-pett li darba kien jipproteġih mill-ħruxija tal-art kien mikul waħda sew. Xagħru abjad maħmuġ, mgħaqqad u mberfel.

Imma did-dehra żdingata kienet tikkuntrasta ma' ħalq snien li, għalkemm tilfu l-bjuda tagħhom, kienu għadhom sħaħ u par għajnejn suwed tuta li ftit ħallew spazju lill-abjad safrani tal-isfond tagħhom. U dawn l-għajnejn kellhom kisra misterjuża li ġġiegħel lil min iħares fihom iħoss simpatija, kurżità u skumdità fl-istess ħin.

- Ilek tistenna xejn, Ġorġ? għedtlu minkejja li kont naf li wasalt tard sewwa l-uffiċċju.

Tani ħarsa niffieda.

- Irrid u ma rridx nistenna jkolli.

Iċ-ċanfira kellha l-effett tagħha; ħassejt li nqastu.

Ftaħt il-bieb tal-uffiċċju u dħalna ġewwa. Minkejja li x-xemx kienet telgħet sewwa, l-uffiċċju kien mudlam għax il-binja ma kinitx tara xemx ħlief tard waranofsinhar. Xgħelt in-neon li rnexxielu jdawwal lill-madwar.

Mhux għax l-uffiċċju kien fih x'tara. L-ewwel kamra kien fiha bank tal-injam fejn il-klijenti kienu jpoġġu sakemm ikun imiss lilhom li jinqdew. Kien ħallieha għera għax ħass li ma kellux għalfejn iżejjen. L-uffiċċju li kellu fil-blokk bini li kien għadu kif tela' ġewwa tal-Pietà kien mgħammar u mżejjen ħafna aħjar. Hemm kien jilqa' klijenti "tat-tajjeb".

Mal-ġenb tal-kamra faċċata tal-bank kien hemm bieb li jagħti għall-kamra fejn jilqa' n-nies u jara kif jagħmel jaqla' lira. Din kienet kamra mdaqqsa b'tieqa kbira li tagħti għal barra t-triq u li kienet titnaddaf biss meta t-trab u t-tidlik tar-riħ isfel kienu jagħmluha impossibbli li jgħaddi d-dawl. Skrivanija li kien xtara minn irkant, għadd ta' xkaffi għall-istivar ta' fajls u dokumenti notarili, fann kbir imdendel mis-saqaf li kellu l-għan li jiċċirkola l-arja soffokanti, u salib fuq l-iskrivanija li aktar milli biex iqanqal devozzjoni jew ħasra kien iservi biex jixhed is-sewwa ta' dak li kien jingħad bejn dawk l-erba' ħitan.

- Skużani Ġorg. Imma taf int!

**Mistoqsijiet**

1. Immarka kelma oħra flok "simpatija".
   a) stmerrija
   b) insensitività
   ċ) sensibilità
   d) rabja



48. Iċ-ċifra **90%** tinkiteb
   a) disgħin fil-mija
   b) disajn fil-mija
   ċ) disgħin fil-mijja
   d) disgħa minn mija

49. Din is-silta titqies bħala waħda
   a) narrattiva
   b) deskrittiva
   ċ) ta' protesta
   d) informattiva

50. L-awtur jagħlaq is-silta b'parir. Liema hu?
   a) Għandna ndaħħlu mill-ewwel din it-teknoloġija f'Malta bla ma nqisuha darbtejn.
   b) Nistudjaw sewwa l-benefiċċji u l-konsegwenzi kollha ta' din it-teknoloġija.
   ċ) Din it-teknoloġija m'għandha qatt tiddaħħal f'Malta.
   d) Nistennew li jdaħħluha pajjiżi oħra l-ewwel.

(20 x 2 = **40 marka**)

# TMIEM

40. Minn **xahar** nagħmlu **xhur** u minn **sena** nagħmlu
a) snien.
b) sengħat.
ċ) snin.
d) snajja'

41. Il-frażi li tfisser **ftehim reċiproku** hija
a) bla ebda dubju
b) ilu għaddej
ċ) bi sħab
d) taħdem favur

42. Oġġett **wieħed** ngħidulu **teknoloġiku**, imma **ħafna ħwejjeġ** ngħidulhom
a) teknoloġiċi
b) teknoloġiki
ċ) teknoloġikament
d) teknoloġiji

43. L-Għerq tal-verb **tgħinna** huwa
a) T_GĦ_N_N
b) GĦ_J_N
ċ) GĦ_JJ_N
d) T_GĦ_J_N

44. Minn **jeħtieġ** nagħmlu **ma jeħtieġx**, u minn **jeħtieġu** nagħmlu **ma**
a) jiħħtiġux
b) jeħtieġux
ċ) jiħtiġuwx
d) jeħtiġux

45. Ngħidu li **lilu tagħrfu** imma **lilkom**
a) tgħarafkhom
b) tagħrafkom
ċ) tarafgħkom
d) tagħrafkhom.

46. Il-frażi mis-silta li tfisser li l-Gvern Malti irid jistudja din it-teknoloġija sewwa hija
a) kien l-obbligu tal-gvern
b) aċċertat l-effettività
ċ) bir-reqqa
d) huwa preokkupat.

47. Liema kelma minn dawn hija **aġġettiv**?
a) il-kriminali
b) minn
ċ) filmati
d) ġodda.



2. Sid l-uffiċċju kien
a) kummerċjant
b) nutar
ċ) għalliem
d) pilota

3. Il-frażi "tat-tajjeb" tfisser:
a) nies twajba
b) tal-flus
ċ) tal-affari tiegħu
d) mhux kattiv

4. X'inhi l-forma tal-verb "jixhed"?
a) is-6 forma
b) l-1 forma
ċ) it-2 Forma
d) it-8 forma

5. Liema minn dawn li ġejjin hija **<u>żbaljata</u>**?
a) Fl-uffiċċju kien hemm skrivanija
b) Fl-uffiċċju kien hemm kamera tas-sorveljanza
ċ) Fl-uffiċċju kien hemm għadd ta' fajls
d) Fl-uffiċċju kien hemm salib

6. L-**oppost** ta' "soffokanti" huwa
a) arjuż
b) imċajpar
ċ) imdellek
d) magħfus

7. In-nutar kellu
a) uffiċċju wieħed fejn jilqa' n-nies.
b) tliet uffiċċji.
ċ) żewġ uffiċċji.
d) blokk bini.

8. Liema kelma fiha **pronom mehmuż?**
a) id
b) lilhom
ċ) ra
d) ta'

9. Ngħidu "iswed tuta". Ma' liema kelma minn dawn li ġejjin nuża "aħdar"?
a) qattus
b) ħaxix
ċ) ktieb
d) sabiħ

10. Minn dak li qrajt fis-silta t'hawn fuq agħżel il-**waħda** t-tajba minn dawn li ġejjin:
   a) il-binja kienet imdawla bix-xemx f'kull ħin.
   b) il-binja kienet imdawla ftit filgħodu kmieni.
   ċ) Il-binja kienet tisfa mdawla tard waranofsinhar.
   d) Il-binja qatt ma kienet tara dawl tax-xemx.

11. Agħżel **it-tajba** skont is-silta:
   a) In-nutar kien jistma 'l kulħadd l-istess.
   b) Ġorġ kien iżomm ruħu nadif.
   ċ) Ir-rakkontatur u Ġorġ kienu jiġu minn xulxin.
   d) In-nutar ma kienx puntwali.

12. Waħda minn dawn t'hawn taħt **mhix korretta**. Liema?
   a) Is-salib kien hemm għax sid il-post kien reliġjuż.
   b) Ġorġ kellu aktar minn sebgħin sena.
   ċ) Fl-uffiċċju ta' ġewwa kien hemm fann.
   d) Ġorġ ma kienx iqaxxar il-leħja spiss.

13. Minkejja li Ġorġ ma kienx ta' skola ma kienx wieħed li jħalliha lixxa lil ħadd. Kif taf dan?
   a) Ġorġ kien qed iħossu skomdu quddiem in-nutar.
   b) In-nutar kellem lil Ġorġ bi kliem iebes.
   ċ) Iċ-ċanfira li Ġorġ ta lin-nutar kellha effett.
   d) Ġorġ kien joqgħod lura għax kien mistħi.

14. Fis-silta jissemmew xi kuluri. Liema kulur minn dawn t'hawn taħt **ma jissemmiex**?
   a) l-iswed
   b) il-griż
   ċ) l-abjad
   d) l-isfar

15. Jekk minn "dalam" tislet "mudlam", allura minn "għamel" tislet
   a) mgħamul
   b) mamul
   ċ) intgħamel
   d) magħmul

15 x 2 marki = **30 marka**



32. L-ewwel belt li waqqfet l-użu ta' din it-teknoloġija kienet
   a) Shanghai
   b) Londra
   ċ) San Francisco
   d) Paceville

33. Min hu kontra din it-teknoloġija jsostni li
   a) tipperikola d-drittijiet tal-bniedem
   b) tiddiskrimina bejn iċ-ċittadini
   ċ) taġevola lill-forzi tal-ordni
   d) tgħin lill-għaqdiet nongovernattivi

34. Il-frażi **reġim awtoritarju** fis-silta tirreferi għat-tmexxija
   a) politika
   b) reliġjuża
   ċ) xjentifika
   d) nongovernattiva

35. Liema minn dan il-kliem hija **nom**?
   a) japplikaw
   b) biss
   ċ) tista'
   d) użu.

36. L-esperimenti tal-Università Ċiniża juru li din it-teknoloġija
   a) mhux ta' min joqgħod fuqha.
   b) hija ta' min jafdaha fil-biċċa l-kbira tal-każi.
   ċ) tfalli f'aktar minn 90% tal-każi .
   d) daqqa taħdem u daqqa le.

37. Din it-teknoloġija qed titħaddem diġà fil-bliet u l-irħula kollha
   a) Maltin
   b) Ċiniżi
   ċ) Amerikani
   d) Ingliżi

38. Minn **huma** nagħmlu **mhumiex**, allura minn **aħna** nagħmlu
   a) m'aħnix
   b) maħniex
   ċ) m'aħniex
   d) maħnix

39. Il-frażi li tfisser l-istess bħal **fundamentali** hija
   a) sekondarji
   b) prinċipali
   ċ) bla importanza
   d) ineżistenti.

## Taqsima Ċ: Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 31 sa 50) li jsegwu:

San Francisco hi l-ewwel belt fl-Istati Uniti li pprojbiet l-użu mill-forzi tal-ordni tat-teknoloġija li tagħraf l-uċuħ. Probabbilment ma jdumx ma jkun hemm bliet oħra fl-Istati Uniti li jagħmlu l-istess. Id-dibattitu f'San Francisco ilu għaddej. Dawk li jaqblu mal-projbizzjoni huma tal-fehma li din it-teknoloġija mhux biss hi difettuża imma li hi wkoll ta' theddida serja għad-drittijiet ċivili.

Riċerkaturi fl-Università Jiao Tong f'Shanghai fiċ-Ċina, għamlu żmien jesperimentaw b'ritratti ta' persuni magħrufa bħala kriminali u oħrajn li mhumiex. Bħala riżultat tar-riċerka tagħhom, qed jissuġġerixxu li t-teknoloġija użata tista' tidentifika kriminali minn filmati ġodda b'ċertezza ta' kważi 90%.

Bla ebda dubju, maż-żmien, għad jiġu identifikati aktar applikazzjonijiet possibbli ta' din it-teknoloġija. U ladarba tkun ipperfezzjonata, din it-teknoloġija tista' tkun għodda tal-biża' f'idejn reġim awtoritarju.

Il-pulizija ta' Londra fir-Renju Unit f'dawn iż-żminijiet qed japplikaw it-teknoloġija li tagħraf l-uċuħ għaż-żamma tal-ordni pubbliku. Big Brother Watch, għaqda nongovernattiva li taħdem favur id-drittijiet ċivili fir-Renju Unit, identifikat li bl-użu ta' din it-teknoloġija, 9 minn kull 10 persuni arrestati kienu innoċenti għax it-teknoloġija ħadmet ħażin.

Bi sħab mal-Huawei, il-ġgant Ċiniż fil-qasam tat-telekomunikazzjoni, il-Gvern Malti qed ifassal proġett immirat lejn is-sigurtà tal-lokalitajiet: il-Proġett *Safe Cities*. Tliet lokalitajiet jidher li ġew identifikati għall-proġett pilota: il-Marsa, San Pawl il-Baħar u Paceville.

Xi xhur ilu, l-Kummissarju għall-Ħarsien tad-Data f'Malta, meta kien intervistat, enfasizza li meta jkun ikkunsidrat l-użu tat-teknoloġija li tagħraf l-uċuħ, tinħtieġ attenzjoni kbira biex ikunu mħarsa d-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Huwa enfasizza li kien obbligu tal-Gvern li jistudja din it-teknoloġija bir-reqqa biex tkun aċċertata l-effettività tagħha fil-ġlieda kontra l-kriminalità. Il-Kummissarju għall-Ħarsien tad-Data huwa ppreokkupat ukoll dwar l-informazzjoni miġbura u l-potenzjal li din tintuża ħażin biex tintraċċa l-movimenti tal-persuni u b'hekk timmina d-dritt tal-privatezza.

It-teknoloġija li tagħraf l-uċuħ, bħal kull teknoloġija oħra, tista' tintuża tajjeb imma tista' wkoll tintuża ħażin. Tista' tgħinna nkunu iktar siguri, imma tista' tgerrem (bla ma nindunaw) id-drittijiet tagħna. Hemm il-potenzjal, imma hemm ukoll responsabbiltajiet kbar.

(Silta addattata minn artiklu ta' Carmel Caccopardo li deher fis-sit elettroniku *illum.com*)

**Mistoqsijiet**

31. Il-kelma **'projbizzjoni'** tfisser
   a) ċaħda
   b) kunsens
   ċ) approvazzjoni
   d) mandat



## TAQSIMA B: Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 16 sa 30) li jsegwu:

In-Nutar Saver Grech kien barra mir-raħal u malli daħal id-dar sab lil martu tistennieh imnikkta u bla sabar. Mingħandha sar jaf li lil Ġorġ arrestawh l-għassiesa tal-logutenent u ma sewa xejn il-biki tagħha biex iħalluh ħieles sakemm jasal hu, u jistaqsi lil Gellel x'kienet il-biċċa. Talbitu bil-ħniena biex imur għand il-Kmand u jikseb il-ħelsien ta' binhom. In-Nutar qagħad jaħseb fuq il-kliem li kien qallu Gellel dakinhar tas-sejħa, "Għandek ibnek ftit imqarqaċ u xejn ma jrid biex jgħallik..." X'seta' għamel biex Gellel arrestah? Ibnu ma kienx iħobb jagħmel il-barumbati ... kien dejjem medhi fuq il-kotba, l-aktar dawk bil-Franċiż billi dak l-ilsien kien jafu daqs il-Malti u studjah sewwa fiż-żmien li kien Pariġi mibgħut minn Napuljun. Dan ma kienx ksur tal-liġi... Mid-dar kien joħroġ biex imur jgħallem l-iskola tal-Belt u għal xi ħarġa ma' truf ir-raħal. X'seta' għamel?

Kif kien sejjer għand Gellel, ħaseb li jkun aħjar li jieħu parir mingħand is-Sur Slaw, li kien jaf il-proċedura sewwa wara dawk is-snin kollha li dam sindku. Il-bieb ta' barra kien miftuħ u baqa' dieħel fil-kamra fejn is-Sur Slaw kellu l-ispiżerija. Waqaf fil-bieb, biex ma jidħolx fuq is-Sur Slaw u raġel ieħor, li kienu jilletikaw b'saħħa kbira, u fil-ħin skuża ruħu u qal:

"Agħdirni, Sur Slaw, ħsibtek waħdek. Kompli..."

"Tista' tgħaddi Nutar ... għandi bżonn l-għajnuna tiegħek. Ara tfihemx lil dar-raġel li f'dari m'għandi ebda mara jisimha Katrin. Irid jgħid li qed inżommha f'dari bilfors. Missha tisimgħu l-mara! X'kull waħda wkoll!"

(silta meħuda minn *Manwel Gellel* ta' Ġużè Cardona)

**Mistoqsijiet**

16. Saver Grech kien
   a) għassies
   b) logutenent
   ċ) kmand
   d) nutar

17. Ġorġ kien it-tifel ta'
   a) Ġużè Cardona
   b) Slaw Gatt
   ċ) Manwel Gellel
   d) Saver Grech

18. Is-Sur Slaw jidher li kien
   a) spiżjar
   b) tabib
   ċ) kappillan
   d) avukat

19. Iben Saver Grech kien jaf sew
   a) il-Ġermaniż
   b) l-Ingliż
   ċ) it-Taljan
   d) il-Franċiż

20. Ġorġ kien
   a) furnar
   b) għalliem
   ċ) suldat
   d) sindku

21. Fid-dar tas-Sur Slaw **ma kienx hemm** mara jisimha
   a) Rita
   b) Katrin
   ċ ) Wenza
   d) Grazzja

22. Kelma li tfisser bħal "barumbati" hija
   a) ħarbiet
   b) avventuri
   ċ) praspar
   d) xogħol

23. "Proċeduri" tfisser
   a) lista li wieħed irid jiftakar
   b) ġabra ta' tifsiriet
   ċ) regolamenti li wieħed irid isegwi
   d) ħsibijiet

24. Liema minn dawn hija fl-**istat kostrutt**?
   a) skola tal-Belt
   b) il-bieb ta' barra
   ċ) truf ir-raħal
   d) l-għajnuna tiegħek

25. Indika liema kelma għandha l-**pronom mehmuż**.
   a) missha
   b) tisma'
   ċ) il-mara
   d) tan-nutar

26. Jekk minn FETAĦ nagħmlu MIFTUĦ, minn GĦALAQ nagħmlu
   a) mgħallaq
   b) għeluq
   ċ) għalqa
   d) magħluq

27. LIL hija
   a) partiċella
   b) artiklu
   ċ) nom
   d) aġġettiv

28. Jekk in-negattiv ta' JIDĦOL hu MA JIDĦOLX, dak ta' JOQGĦOD hu
   a) ma qagħadx
   b) ma qagħdċ
   ċ) ma joqgħodx
   d) ma joqogħdux



29. Jekk minn ĦELES nagħmlu ĦELSIEN, minn TILEF nagħmlu
   a) nitlef
   b) tellief
   ċ) telfa
   d) telfien

30. Pariġi hija l-belt kapitali
   a) tal-Irlanda
   b) tal-Italja
   ċ) ta' Franza
   d) ta' Spanja

(15 x 2 = **30 marka**)